

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 97/2008

ta' l-1 ta' Frar 2008

li jiffissa l-kwantità komplementarja għaz-zokkor tal-kannamieli mhux raffinat fl-Istati ta' l-Afrika, il-Karibew u l-Paċifiku (AKP) u fl-Indja għall-provvista lir-raffineriji għas-sena tas-suq 2007/2008

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 ta' l-20 ta' Frar 2006 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor⁽¹⁾, u partikolarment it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 29(4) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 29(4) tar-Regolament (KE) Nru 318/2006 jistipula li, matul is-snin tas-suq 2006/2007, 2007/2008 u 2008/2009, u sabiex tkun żgurata provvista adegwata lir-raffineriji Komunitarji, id-dazji ta' l-importazzjoni fuq kwantità komplementarja ta' importazzjonijiet taz-zokkor tal-kannamieli mhux raffinat li joriġina fl-Istati msemija fl-Anness VI għal dak ir-Regolament, għandhom jiġu sospiżi.
- (2) Dik il-kwantità komplementarja għandha tiġi kkalkulata skond l-Artikolu 19 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 950/2006 tat-28 ta' Ġunju 2006 li jistipula regoli dettaljati ta' applikazzjoni għas-snin tas-suq 2006/2007, 2007/2008 u 2008/2009 għall-importazzjoni u r-raffinar tal-prodotti taz-zokkor skond ċerti kwoti tariffarji u ftehimiet preferenzjali [titlu mhux uffiċjali]⁽²⁾, fuq il-bażi ta' previżjoni Komunitarja eżawrjenti ta' bilanċ ta' provvista għaz-zokkor mhux raffinat. Għas-sena tas-suq 2007/2008, il-bilanċ indika l-ħtieġa għall-importazzjoni ta' kwantità komplementarja ta' zokkor tal-kannamieli mhux raffinat sabiex jinqdew il-bżonnijiet ta' provvista tar-raffineriji Komunitarji.
- (3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1545/2007 ta' l-20 ta' Diċembru 2007 li jiffissa l-kwantità komplementarja taz-zokkor tal-kannamieli mhux raffinat li joriġina mill-Istati AKP u l-Indja għall-provvista lir-raffineriji matul il-perjodu li jibda mill-1 ta' Ottubru 2007 sat-30

ta' Settembru 2008⁽³⁾ iffissa kwantità komplementarja ta' 80 000 tunnellata biex taqdi l-bżonnijiet l-iktar urġenti tal-provvista għall-ewwel xhur tas-sena tas-suq 2007/2008. Fi ħdan il-qafas tal-ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika, l-aċċess addizzjonali fis-suq taz-zokkor ser ikun għas-sena tas-suq 2008/2009 biss. Provvista adegwata ta' zokkor mhux raffinat għall-industrija tar-raffinar għas-sena tas-suq 2007/2008 għaldaqstant tiddependi fuq id-diponibbiltà ta' kwantitajiet komplementari. Biex tiġi żgurata din il-provvista, huwa xieraq li tinfetaħ kwantità supplementari ta' zokkor komplementari ta' [120 000] tunnellata għas-sena tas-suq 2006/2008.

- (4) Din il-provvista adegwata lir-raffineriji tista' tkun iggarantita biss jekk il-ftehimiet tradizzjonali ta' l-esportazzjoni bejn il-pajjiżi benefiċjarji jiġu rispettati. Għalhekk huwa meħtieġ tqassim bejn il-pajjiżi benefiċjarji jew il-grupp ta' pajjiżi. Għall-Indja, hija miftuħa kwantità ta' 4 000 tunnellata. Dan iġib il-kwantità komplementarja ta' l-Indja għas-sena tas-suq 2007/2008 f'konformità mas-sehem tagħha tal-kwantità totali komplementarja għas-sena tas-suq 2006/2007. Il-kwantitajiet li jibqgħu għandhom jiġu stabbiliti għall-Istati AKP, li flimkien impenjaw ruħhom li jimplementaw bejniethom proċeduri għall-allokazzjoni tal-kwantitajiet sabiex tkun żgurata provvista adegwata lir-raffineriji.
- (5) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma f'konformità ma' l-opinjoni tal-Kumitat tal-Ġestjoni taz-Zokkor,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Minbarra l-kwantitajiet stipulati fir-Regolamenti (KE) Nru 1545/2007, kwantità komplementari finali ta' 120 000 tunnellata ta' zokkor tal-kannamieli mhux raffinat komplementari f'ekwivalenti ta' zokkor abjad għas-sena tas-suq 2007/2008:

- (a) 116 000 tunnellata espressi f'ekwivalenti ta' zokkor abjad li joriġina fl-Istati elenkati fl-Anness VI għar-Regolament (KE) Nru 318/2006, minbarra l-Indja;
- (b) 4 000 tunnellata espressi f'ekwivalenti ta' zokkor abjad li joriġina fl-Indja.

⁽¹⁾ ĠU L 58, 28.2.2006, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/2007 (ĠU L 283, 27.10.2007, p. 1).

⁽²⁾ ĠU L 178, 1.7.2006, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 371/2007 (ĠU L 92, 3.4.2007, p. 6).

⁽³⁾ ĠU L 337, 21.12.2007, p. 67.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 1 ta' Frar 2008.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membri tal-Kummissjoni
